Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 6/2007/1

**Robert Tonna (ID 887851M)**

**vs**

**Mary Abdilla (ID 479648M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk::

“Illi huwa jikri lill-intimata l-fond 3, Flat 8, St. Francis Street Floriana, bil-kera ta’ erba u ghoxrin lira (Lm24.00) jithallas bil-lura.

Illi l-intimata ilha ma thallas il-kera mis-sena 1999 u barra minn hekk minhabba n-nuqqas ta’ manutenzjoni ordinarja, saret hsara strutturali u perikoluza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment jitlob li dan il-Bord joghgbu:

Jawtorizza lill-esponenti jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi fl-iskadenza tat-terminu korrenti u ghall-fini tal-izgumbrament jiffissa lill-intimat zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti tar-rikors fejn jirrizulta illi l-intimata debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni naqset illi tintavola risposta ghat talba tar-rikorrenti kif ukoll milli tidher f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Bord ma kellux l-opportunita' jisma' il-verzjoni tal-istess intimata ghal dak allegat mir-rikorrent;

Semgha lir-rikorrent bil-gurament li kkonferma il-kontenut tar-rikors in dizamina. Ir-rikorrent qal li kawza tal-hsara li qed isofri dan il-fond, hemm saqaf u gallerija fi stat hazin tant +++
li anke waqghet purtella fuq karozza. Meta mar jitlobha l-kera l-intimata harget ghalih bi flixkun.

Illi din hija l-unika xhieda ghad-disposizzjoni tal-Bord sabiex jasal ghal konkluzjoni tieghu u fuq din ix-xhieda, l-Bord iqis illi r-rikors kien debitament pruvat.

Ghal dawn il-motivi, jilqa' talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi l-fond 33, Flat 8, St. Francis Street, Floriana u dan fi zmien xahar mil-lum u cioe' fit-8 ta' Novembru 2008 f'liema data l-intimata hija ordnata tizgombra mill-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------